**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**
**V**

**GILBERT MIZZI**

**Illum, 26 ta' Novembru, 2001.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **GILBERT MIZZI** ta' sitta w ghoxrin sena, bin Mario u Domenica nee Bondin, imwieled Pieta nhar t-s-sitta ta' Marzu, 1975 u joqghod 'Oleanders', Flat 2, Triq San Martin, Zurrieq, detentur tal-karta tal-identita numru 134375M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tlieta ta' Awissu, 1998 bejn s-sitta nieqes kwart ta' filghaxija u l-hdax nieqes kwart ta' bil-lejl, f'Ta'' Qali, limiti tar-Rabat, Malta, kkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Seat Ibiza bin-numru ta' registrazzjoni JAP 775 ghad-detriment ta' Antoine Aquilina, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin u bix-xorta tal-haga misruqa;

Talli fi Frar, 1999 u fiz-zmein ta' qabel, xjentement f'Malta laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew imexxihom u cioe ta' vettura tal-ghamla Seat Ibiza bin-numru ta' registrazzjoni JAP 775 ghad-detriment ta' Antoine Aquilina.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond l-ligi, tordna lil imputat sabiex jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Lulju, 1999 esibiti a fol 108 tal-atti sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja f'nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-akkuzat.

Rat li l-akkuzat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi tratta u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Il-Qorti semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi principalment l-imputat gie akkuzat b'zewg akkuzi, dik ta' serq aggravat u dik ta' ricettazzjoni, liema akkuzi ma hemmx dubbju inghataw b'mod alternattiv ghal xulxin.

Illi dwar l-akkuza ta' serq ma jirrizultax li l-Prosekuzzjoni resqet xi provi, lanqas remoti li jorbtu lil akkuzat mal-kommissjoi tar-reat ta' serq u ghalhekk il-Qorti tiddikjara minn issa li ma ssibx lil imputat hati ta' din l-akkuza u tilliberah minnha.

Issa kif gie deciz fil-kawza fl-ismiijet **Il-Pulizija v Joseph Bugelli** ***nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Jannar, 1942 mill-Qorti tal-Appell Kriminali*** jinghad li biex l-akkuza ta' ricettazzjoni tigi ppruvata hemm bzonn li jirrizultaw sodisfacentement dawn is-segwenti rekwiziti u cioe :

1. li l-oggett tikun gej minn kommissjoni ta' reat kontra l-proprjeta;
2. li l-persuna akkuzata bhala recettatur tkun irceviet jew xtrat l-oggetti provenjenti minn dak id-delitt, jew b'xi mod indahlet biex tbiegh dak l-oggett;

3. li r-recettatur ikun jaf li l-oggett kellu provenjenza llegittima.

It-tieni element jikkostitwixxi l-element materjali tar-ricettazzjoni. Imma biex ikun hemm dan l-element hemm bzonn li l-prezunt recettattur ikun ghamel xi haga biha b'xi mod ikun kkopera ruhu biex jigi ezilat jew mibjugh l-oggett misruq jew ottenut permezz ta' reat. Jekk l-atti tieghu ma jurux li kien hemm dik l-intromissjoni da parti tieghu, biex b'xi mod jigi facilitat l-okkulament tal-oggett misruq jew illecitament ottenut, dan t-tieni element ma jirrikorrix u ma hemmx ricettazzjoni.

Fis-sentenza moghtija ***mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha w ghoxrin ta' Settembru, 1993*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v J. Gravina** gew osservati s-segwenti konsiderazzjonijiet dwar l-element tad-dolo specifikata ta' dan r-reat;

a. L-element tax-xjenza tal-provenjenza illegittima tal-oggett, jista jigi desunt mic-cirkostanzi kollha tal-kaz;
b. Is-semplici suspett li jigi fl-akkuzat, dwar il-provenjenza legittima jew le, minghajr ma jaghmel l-verifiki mehtiega dwar dik il-provenjenza, ghandu jittiehed in

konsiderazzjoni, ghax f'certi kazijiet jista jkun prova bizzejjed tal-element intenzjonali, imma waheda biss ma hiex qatt bizzejjed;

c. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova li fil-mument tal-akkwist r-recettattur kellu xi xjenza certa u posittiva tal-provenjenza llecita tal-oggett;

d. Min jixtri minghand persuni suspettuzi jew jindahal fit-traffiku tal-oggetti li jkunu ghand persuni suspettati, jaghmel dan ghar-riskju tieghu.

Kif gie deciz mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn ta' Dicembru, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Emanuel Micallef,** l-element ta' xjenza gie spjiegat fid-dettal. Dik il-Qorti spjegat li l-element tax-xjenza:

> "*Jirrikjedi li min qieghed jakkwista irid ikun jaf li dak l-oggett li qed jakkwista huwa gej minn xi serq jew xi attivita ohra illegali, jew li setgha ragjonevolment jissuspetta li kellu l-origini tieghu hekk, u dan minn diversi cirkostanzi li huma di natura suspettuza, bhal per ezempju, prezz irrizarju, transazzjoni fl-imwarrab u fid-dlam u bil-mohbi tal-pubbliku, bejjiegh mhux maghruf u*

*cirkostanzi ohra simili li bilfors jqajjmu suspett fondat u ragjonevoli li f'dak n-negozju hemm xi haga mhux normali jew illegali. Biex jigi ppruvat dan r-rekwizit tax-xjenza, il-Prosekuzzjoni ghandha tipprova il-'criminal misconduct' ta' minn qed jakkwista l-oggett allegatament gej minn attivita llegattima. Din il-mens rea tista tigi ppruvata jew direttament jew tramite provi cirkostanzjali*"

Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija v Alfred Azzopardi,** ***deciza mill-Qorti tal-Appell nhar il-wiehed u tletin ta' Lulju, 1997***, gie ritenut wkoll li minn jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom jmissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza llegittima w intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghlaq ghajnejh, ikun hati ta' negligenza grossolana u kondotta kriminuza u kwindi hati ta' ricettazzjoni.

Illi l-Avukat Difensur ittratta fuq l-origini ta' dan l-artikolu tal-ligi cioe jekk hux bazat fuq is-sistema Ingliza jew dik Taljana.

Fil-fehma ta' din l-Qorti jigi rilevat li r-reat ta' ricettazzjoni huwa bazat fuq is-sistema Taljana, fuq l-artikolu 421 tal-Codice

Penale bid-differenza li l-artikolu Taljan, jesigi "*la certezza mentre l'acquisto*" mentri fil-ligi taghna ma hemmx referenza ghal din ic-certezza.  Pero is-sentenza nostrana taghna taw interpretazzjoni simili ta' dan r-reat fis-sens illi irid jkun hemm ix-xjenza da parti tar-recettatur fil-mument tar-ricettazzjoni.

**Manzini** fl-opera tieghu ***Trattato di Diritto Penale*** jghid s-sewgenti:

> *" Per l'imputabilita del delitto di accettazione richiedesi in ogni caso il dolo.  Questo dolo consiste nella voluntarieta del fatto in se' cioe dell'acquisto, ricezione, accultamento o introcomissione e nella scienza che si tratta di cose provenienti da delitto.  Non basta il semplice dubbio, ancorche esso evidentemente equivalga alla scienza della provenienza delittuoso delle cose."*

Waqt li l-posizzjoni Ingliza hi s-segwenti u cioe kif deskritta minn l-awturi **Smith & Hogan** f'pagna 61 tal-ktieb ***Criminal Law*** (Edit. 1965) fejn jiktbu

"*Knowingly for this purpose includes the state of mind of the man who suspects the truth, but deliberately avoids finding out, shutting his eyes to an obvious means of knowledge or deliberately refraining from making enquiries the results of which he might not care to have.*"

Illi l-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijiet fejn ittrattaw fuq il-kuncett tax-xjenza in materja ta' ricettazzjoni u s-sustanza moghtija fil-kawzi li ser jissemmew huma il-principali fuq dan:

a. **Il-Pulizija v Bugelli (vol XXXI pg. 468)**
b. **Il-Pulizija v Simiana (vol XXXIII pg. 966)**
c. **Il-Pulizija v Muscat (vol XXV pg. 706)**
d. **Il-Pulizija v Degiorgio (vol XXXVII pg. 1059)**
e. **Il-Pulizija v Fenech (vol XXIX pg. 694)**
f. **Il-Pulizija v Calleja (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tletin ta' Novembru, 1978)**

Illi minn ezami ta' dawn is-sentenzi u ta' ohrajn, johorgu dawn il-principji kwantu jirrigwarda l-element tax-xjenza;

1. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova li l-akkuzat fil-mument tar-ricettazzjoni kien jaf li l-oggetti kienu gejjn jew minn serq jew b'qerq jew minn xi reat iehor;
2. Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda il-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali;
3. Dan l-element jista jirrizulta mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari;
4. Is-semplici suspett li jigi fl-akkuzat dwar il-provenjenza legittima jew le tal-oggett li ikun ser jixtri jew jilqa ghandu, minghajr ma jaghmel il-verifika mehtiega dwar dik il-provenjenza ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghax f'certi kazijiet jista jkun prova bizzejjed tal-element intenzjonali ta' dan ir-reat, imma wahdu biss ma huwa qatt bizzejjed;
5. Minn jixtri minghand persuni suspettati jew jindahal fit-traffiku ta' oggetti li jkunu ghand persuni suspettati, jaghmel dan a riskju tieghu. Meta l-persuna li tircievi oggett jkollha suspett, anzi tkun tahseb li l-persuna li tatha dak l-oggett, kienet giet fil-pussess tieghu illegittimament u intant tilqa dak l-oggett mighajr ma taghmel xejn biex taccerta ruhha li kien legittimu, u

mhux kif kienet tahseb hi, allura, hemm l-element tax-xjenzja rikjest ghall-interpretazzjoni ta' dan ir-reat;

6. Jigi iccarat li l-ligi ma tissodisfax ruhha biss bil-prova ta' l-ammissjoni ta' diligenza tal-*boun padre di familia* da parti tar-ricettatur, izda tirrikjedi li tali negligenza tkun fi grad tali li tammonta ghal *criminal negligence;*

7. Veru li s-semplici suspett m'ghandhux jigi ekwiparat mad-dolo imma hu veru wkoll li l-ligi taghna ma tirrikjedix xi formula specjali ta' kif ghandha tigi ppruvata x-xjenza jew li l-akkuzat irid jigi ppruvat li ingibitlux xi prova partikolari tal-provenjenza delitturuza minn min ikun bieghlu. Dan ghaliex altrimenti tista tghid li fl-ebda kaz ta' ricettazzjoni ma tingieb il-prova adegwata. Dak li minn kaz ghal iehor il-Qrati taghna sostnew u esigew li hu necessarju li jigi ppruvat mill-akkuza hu li fil-mument tal-akkwist minn ikun xtara kellu x-xjenza certa u posittiva tal-provenjenza delitturuza tal-oggett liema element intenzjonali jista jigi dezunt mic-cirkostanzi li fihom ikun sar l-akkwist;

8. Dan kollu mbaghad qed jinghad ghaliex r-reat tar-ricettazzjoni hu wiehed doluz u mhux kolpuz u essenzjalment jikkonsisti fix-xjenza certa u posittiva tal-

provenjenza illegittima tal-oggett involut. B'dan il-mod in-nuqqas, li wiehed minhabba leggerezza jew negligenza li jindaga dwar il-provenjenza tal-oggett, ma jissodisfax l-element morali tar-ricettazzjoni.

Wara li l-Qorti ghamlet il-konsiderazzjonijiet ta' dritt fuq r-reat ta' ricetazzjoni, sejra issa tezamina ix-xhieda prodotta fid-dawl tal-principji legali enunzjat aktar 'l fuq u tara jekk il-Prosekuzzjoni rnexxiliex tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Il-Prosekuzzjoni trid tallega li l-*ispare parts* tal-vettura li xtara l-imputat w instabu fuq il-vettura tieghu kienu gejjin minn attivita kriminali, serq u li huwa kien ben konxju dwar il-provenjenza llegittima taghha meta akkwisthom.

Il-Prosekuzzjoni ppresentat rapport okkorrenza li jinsab deskritt bhala dokument MC 2 a fol 23 tal-atti minn fejn jirrizulta li kienet allegatament insterqet il-vettura tal-ghamla Seat Ibiza ta' kulur iswed bin-numru ta' registrazzjoni JAB 775 meta kienet pparkjata Ta' Qali u dan fit-tlieta ta' Awissu, 1998. Sussegwentement il-Prosekuzzjoni ressqet lil **Anton Aquilina jixhed l-Qorti** nhar t-tmintax ta' Marzu,

1999 fejn qal li huwa gharaf il-*parts* li kienu fil-bitha tas-CID bhala il-*parts* naxxenti mill-vettura tieghu. Mistoqsi kif gharafhom, Anton Aquilina wiegeb li l-Pulizija ghaddietlu sett cwievet li qablu ma dawk il-*parts* u ghalhekk dehrlu li kienu tieghu. Anton Aquilina fl-ebda hin ma qal li ddentifika dawn il-*parts* bhala tieghu minn xi sinjal partikolari jew xi marka distinta.

Fl-inkjesta quddiem il-perit tekniku pero jghid li kien gharaf il-*mudguard* tieghu li kien fuq il-*low loader* tal-Pulizija peress li l-*mudguard* ma kienx tal-fabbrika u kien rrangah wara li kien habat fit-triq tar-Rabat.

Minn ezami tar-relazzjoni tal-espert tekniku nominat mill-Qorti Joseph Zammit jirrizulta li huwa tal-fehma li l-*ispare parts* li nstabu fil-garaxx tal-imputat kienu jiffurmaw parti mill-vettura misruqa ta' Anton Aquilina.

Pero kif jasal ghal din il-konkluzzjoni, l-Qorti ma tistax tifhem.

Mix-xhieda prodotta quddiemha kull ma jirrizulta hu li allegatament Anton Aquilina gharaf il-*mudguard*, u li talab li jingiebu sett cwievet li huwa ta lil tal-Insurance. Minn imkien ma jirrizulta li

s-socjeta assikurattrici, Guardian Royal Exchange ipprovdiet dawn ic-cwievet. Ma hemm hadd li xehed li kien qed jesibixxi dawn c-cwievet u ghalhekk kif l-espert tekniku Joseph Zammit jghid a fol 19 tar-relazzjoni tieghu li huwa qabbel ic-cavetta tal-*ignition switch* fuq l-*isteering column* tal-vettura tal-imputat, il-Qorti ma tistax tifhem.

Illi l-Prosekuzzjoni bbazat ruhha fuq dawn il-provi biss sabiex tipprova l-kaz taghha li l-*ispare parts* misjuba ghand l-imputat kienu gejjin minn attivita kriminali u cioe li kienu jappartjenu lil vettura ta' Anton Aquilina li giet misruqa fit-tlieta ta' Awissu, 1998.

Il-Prosekuzzjoni pero, ressqet provi ohra li fil-fehma tal-Qorti jdaghjjfu l-kaz taghha.

**Xehed Brian Farrugia** li hu rappresentant tal-ufficju tal-licenzji kif jirrizulta a fol 29 tal-atti fejn qal li l-vettura tal-ghamla Seat Ibiza bin-numru ta' registrazzjoni JAB 775 giet licenzjata maghhom ghall-ewwel darba nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru, 1995 fuq Simone Fenech u li fit-tmienja ta' Ottubru, 1998 din giet trasferita fuq Anton Aquilina li joqghod Flat 2, 292, Triq Sant'Ursola, Valletta. Irrizulta wkoll mill-*file* li dan Anton Aquilina kien irrapporta l-vettura misruqa nhar t-tlieta ta'Awissu, 1998.

Illi din ix-xhieda tal-ufficjal tal-licenzji tikkreaja dubbju jekk verament fil-fatt il-vettura tal-ghamla Seat Ibiza bin-numru ta' registrazzjoni JAB 775 insterqitx fit-tlieta ta' Awissu, 1998. Haga tal-iskantament, il-Prosekuzzjoni ma jidhirx li nvestigat lil dan Anton Aquilina dwar il-fatt li jixtri karozza fit-tmienja ta' Ottubru, 1998, meta fit-tlieta ta' Awissu, 1998 u cioe xahrejn qabel jirrappurtha misruqa.

Ghalhekk dan il-fatt jikkreja dubbju ragonevoli jekk il-*parts* li nstabu ghand l-imputat setghux gew minn din l-allegata serqa, meta tqis li din il-vettura li allegatament giet misruqa u allegatament il-*parts* taghha gew ricettati mill-imputat ghalkemm registrata mad-dipartiment tal-licenzji bhala vettura '*on the road*'.

Fattur iehor li jdghajjef il-provi tal-Prosekuzzjoni hu x-xhieda ta' **Alan Micallef** li hu assistant manager mal-Atlas Insurance li tinsab a fol 91 tal-atti fejn jghid li Anton Aquilina tal-istess indirizz moghti mill-ufficjal tad-Dipartiment tal-Licenzji, kellu nxjurjat maghhom vettura tal-ghamla Seat Ibiza bin-numru ta' registrazzjoni JAB 775 ghal perjodu tas-sebgha ta' Ottubru, 1996 sal-wiehed u tletin ta' Ottubru, 1998 u li fl-erbgha ta' Awissu, 1998 din il-vettura giet

rappurtata misruqa u li sa dakinhar li xehed u cioe s-ebgha ta' Mejju, 1999 il-*claim* tieghu biex jithallas kienet ghadha pendenti. Anton Aquilina wkoll stqarr li ma thallasx ghal vettura li allegatament insterqitlu, ghalhekk jirrizulta li n-numru ta' registrazzjoni moghti minn dan r-rappresentant tal-Insurance hija difficli ghaliex fil-fatt jghid li hija JAP 775, meta l-imputat kien stqarr li l-vettura tieghu hija JAB 775 jista jaghti l-kaz li dan huwa zball tat-typing. Fl-ebda hin ma l-Prosekuzzjoni allegat li l-*parts* misjuba ghand l-imputat gew minn vettura ohra, cioe minghand persuna ohra u mhux minghand Anton Aquilina. Hija stramba wkoll li l-espert tekniku Joseph Zammit fir-relazzjoni tieghu wkoll jindika l-vettura bhala dik bin-numru JAP 775 u mhux JAB 775.

Dawn l-inezatezzi lkoll jdallmu l-provi tal-Prosekuzzjoni.

Pero ghal darb'ohra ma jirrizultax jekk il-Prosekuzzjoni nvestigatx ghaliex Anton Aquilina ma thallsx ghas-serq li sofra. Dan in-nuqqas jitfa dubbju serju jekk verament il-vettura li rrapporta Anton Aquilina li nsterqet, insterqitx tassew ghaliex fl-ebda hin ma Anton Aquilina jghid li huwa inizja xi proceduri civili kontra s-socjeta assikurattrici talli ma thallasx ghal vettura.

Il-Prosekuzzjoni naqset wkoll li tressaq lil rappresentant ta' Charles Auto Dealer minn fejn allegatament xtara il-vettura Anton Aquilina biex jispjiega meta sar il-bejgh ta' din il-vettura lil Anton Aquilina, molto piu meta tqis li l-vettura kienet ilha registrata mal-Insurance fuq ismu mis-sebgha ta' Ottubru, 1996 u cioe sentejn qabel ma allegatament kien xtraha

L-imputat wkoll irrilaxxja stqarrija nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Frar, 1999, liema stqarrija tinsab esibita a fol 21 tal-atti markata bhala dokument MC 1 u minn ezami taghha jirrizulta li l-imputat kien xtara l-*parts* sena u xahrejn qabel ma rrilaxxja din l-istqarrija u ghalhekk jirrizulta li xtrahom f'Dicembru, 1997 jew Jannar, 1998, xi tmien jew disgha xhur qabel ma sar r-rapport dwar l-allegat serq. Ghalhekk jekk il-Qorti thoss li l-istqarrija tal-imputat hija veritiera u m'ghadhix ghalfejn issostni mod iehor, ma jistax ikun li l-*parts* in kwistjoni jappartjenu ghal vettura ta'Anton Aquilina.

Illi dan kollu li ntqal s' issa ma hemmx dubbju li jincidi fuq l-ewwel element li trid tipprova l-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz u cioe li l-oggetti li xtara l-imputat kienu gejjin minn attivita kriminali. Ma hemmx dubbju wkoll li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-elementi kollha

tar-reat biex il-Qorti tkun tista ssib lil imputat hati u cioe t-tlett elementi imsemmija aktar 'l fuq.

Dwar l-element tax-xjenza li l-Prosekuzzjoni trid tipprova, il-Qorti thoss li ma rnexxilhix tipprovha lanqas sal-grad ta' probabbli.

Mill-istqarrija jirrizulta li l-imputat xtara l-parts in kwistjoni ghal prezz ta' sitt mija u sebghin lira maltin ghalkemm gie mitlub jhallas sebgha mitt lira maltin.  Issa minn ezami tar-relazzjoni tal-espert tekniku Joseph Zammit, jirrizulta li l-*ispare parts* li nstabu fil-garaxx tal-imputat jiswew sitt mitt lira maltin u allura in effetti l-imputat hallas aktar.  Dan zgur ma jitfax dell jew riflessjoni li l-oggetti kienu gejjin minn xi serqa ghaliex kieku ma kienx jhallas zejjed; izda inqas.

Dwar in-negozju l-imputat spjiega wkoll a tempo vergine tal-investigazzjoni li huwa kien xtara l-oggetti minghand certu John Azzopardi wara li kien laqqghu mieghu certu Andrew.  Spjiega kif darba minnhom kien go kazin jitkellem u jghid li kien laqat il-vettura tieghu u li kellu bzonn jixtri xi *spare parts*.  Qallu li kien jaf persuna li tbiegh l-*ispare parts* u jekk jarah kien ser jintroducihulu.  Darba minnhom hadhulu hdejn il-garaxx b'vann transit bl-*ispare parts* u fil-

fatt sabu lil Pulizija fil-garaxx tieghu u peress li kienu jinteresawh, xtrahom. Huwa stivhom fil-garaxx w uza dawk il-*parts* li kellu bzonn. Illi dan in-negozju ma jitfax ombra fuq il-kredibilita li l-Qorti ghandha taghti lil imputat. L-*ispare parts* ma gewx mohbija jew imwarrba; anzi gew uzati minnufih u r-rimanenti gew storjati.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li l-imputat ghandu, jekk xejn inqas igawdi mid-dubbju ghar-rigward ta' dak li **Manzini** jsejjah "*la coscienza e volonta che l'evento dannoso sia preveduto e voluto*".

Ghalhekk il-Qorti wara li rat li t-tezi li l-imputat irid jippostula hi li ghandu l-oneru jipprova biss sal-grad tal-probabbli waqt li ghal kuntrarju il-Pulizija trid tipprova l-kaz taghha fuq grad ghola, issa l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni ma jxejnux il-provi tad-Difiza sabiex il-Qorti tkun konvinta oltre d-dubbju ragonevoli li l-imputat kellu c-cirkosnzi kollha rikjesti ghal esiztenza tal-elment intenzjonali rikjest fir-ricettazzjoni.

**Fil-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali u cioe l-artikolu 261(f)(g)(c) 267, 271(g), 270, 279, 280, 281, 334 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta,

**tiddikjara li ma ssibx lil imputat GILBERT MIZZI hati ta' dawn iz-zewg akkuzi u tilliberah minnhom.**

**Peress li l-Qorti qed tillibera lil imputat minn kull akkuza qeghda wkoll tichad t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundannah jhallas xi spejjes konnessi mal-hatra ta' xi espert tul dawn il-proceduri.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**